MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI ISTRUTTORJA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tal-15 ta' Settembru, 2005

Numru. 797/2005

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Agius)**

**vs**

**Glenn Abela**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Glenn Abela** ta’ 17-il sena, iben Francis u Bernardette *nee’* Portelli mwieled Pieta’ fit-2 ta’ Mejju, 1988, residenti Nru. 51, ‘Casa Fra Ben’, Triq l-Iskola, Marsa, u detentur tal-karta tal-identita’ numru 213188M.

Talli nhar il-11 ta’ Settembru, 2005, ghall-habta tal-00.30Hrs, fi Triq il-Barbazzal, f’Hal-Ghaxaq u fl-Ghassa tal-Pulizija taz-Zejtun rispettivament, volontarjament

hassar jew ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, billi ghamel hsara volontarja fuq il-vettura tal-Gvern Hyundai Accent bin-numru tar-registrazzjoni GVP-024, u fuq l-uniformijiet ta’ PS 4129 u PC 970, liema hsara tiskorri l-hamsin lira izda mhux il-hames mitt lira, ghad-dannu tal-Gvern ta’ Malta, bi ksur tal-artikoli 325 (b) u (c) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli wkoll fl-istess lok, data u cirkostanzi ingurja jew heddedt lill-persuni nkarigati skond il-Ligi minn servizz pubbliku u cioe’ lil PS 1429 E. Mangion, PC 790 R. Mizzi u PC 1162 J. Micallef; waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, bil-hsieb li tbezza’ jew tinfluwixxi fuqhom kontra l-ezekuzzjoni ta’ dak is-servizz, bi ksur tal-artikolu 95 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli wkoll fl-istess jum, lok u cirkostanzi volontarjament ksirt il-bon ordni u l-paci pubbliku b’ghajjat, storbju, glied u dagha bi ksur tal-artikolu 338 (dd) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Talli wkoll fl-istess jum, lok u cirkostanzi ghad li kien jew b’xi mod iehor li mhux provdut fil-kodici offenda l-morali, l-imgieba xierqa jew id-dicenza pubblika bil-ksur tal-artikolu 338(bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

F’kaz ta’ htija l-Qorti hija mitluna li tapplika il-provediment tal-artikolu 383 (bb) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta a favur tal-membri tal-korp involuti f’dan l-incident u li jithallsu d-danni li saru fuq il-vettura tal-Gvern.

Semghet l-ammissjoni tal-imputat.

Rat l-atti tal-kawza fejn l-akkuza tirrizulta pruvata bl-ammissjoni tal-imputat;

Rat l-artikoli

Rat il-fedina penali nadifa tal-imputat;

Tilliberah bil-kundiazzjoni li ma jaghmilx rejat iehor sa zmien sentejn (2) mil-lum skond l-Art. 22 tal-Kap 446.

Il-Qorti spjegat l-obbligi tal-imputat naxxenti minn din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------